MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru. 1006/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Joe Borg**

Kumpilazzjoni numru 1006/2008

Il-Qorti

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Joe Borg, ta’ 43 sena, iben Paul u Maria Anna nee’ Vassallo, imwieled Birkirkara fl-24 ta’ Marzu, 1965 u residenti fil-fond “Joesan”, Triq F.Vidal, Ibragg, detentur tal- karta ta’ l-identita` bin- numru 186765M.

Akkuzat talli;

1. Nhar id-19 ta’ Ottubru, 2008, ghall-habta tal-04:00hrs, fi Triq il-Madliena, Swieqi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza pubblika, kontra PS 321 Alan La Grasta, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil PS 321 Alan La Grasta bil-kliem, liema persuna huwa inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu nnifsu; jew f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher bic-car fis-sakra waqt li jkollu l-hsieb ta’ xi vettura;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta li jaghti, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti (li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta’ dagha), offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontrjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikoli 95, 96, 98, 338(g), 338(bb), 338(dd) u 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar id-19 ta' Ottubru 2008 fi Triq il-Madliena Swieqi ghall-habta ta' 4.00am. Dak il-hin l-imputat kien qed isuq fit-triq imsemmija meta mid-direzzjoni opposta kienet gejja vettura tal-pulizija. Minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq ma setghux jghaddu z-zewg vetturi u wahda minnhom kellha tirriversja; wara l-vettura tal-pulizija kien hemm vetturi ohrajn. Is-surgent 321 La Grasta li kien fil-vettura tal-pulizija talab lill-imputat biex jirriversja, dan pero rrifjuta u tefa' l-magna tal-vettura tieghu. Rinfaccjat b'dan l-agir is-surgent hareg mill-vettura tas-servizz u mar fid-direzzjoni ta'l-imputat li kien ghadu fil-vettura tieghu; dan da parti tieghu malli ra hekk rega xeghel il-magna u saq ghal fuq il-vettura tal-pulizija pero waqqaf minghajr ma laqghatha. Is-surgent mar fuq l-imputat li beda jghajjat u jidghi; f'dak il-hin is-surgent xamm riha ta' xorb u qal lill-imputat li ser isejjah lill-pulizija tal-mobile biex isir l-breathalyser. F'dak il-hin l-imputat qal lis-surgent li huwa xufier ta'l-ambulanzi u (s-surgent) jista' jigi bzonnu. Gew tal-mobile sar it-test li rrizulta pozittiv, is-surgent qal lil mart l-imputat (li tul dan il-hin kollu kienet qeghda fil-vettura) biex issuq hi u l-imputat dahal fil-vettura fis-seat tal-passiggier. Dak il-hin is-surgent talab lill-imputat jaghtuh id-dettalji personali tieghu pero meta gew ghal isem missieru l-imputat irrifjuta li jirrispondi u minkejja l-insistenza tas-surgent baqa jirrifjuta. Hawn l-incident eskala ghax l-imputat rega beda jghajjat u jidghi, ghalhekk s-surgent kellu jarresta lill-imputat. L-imputat pero hebb ghas-surgent u kellhom iwaqqfuh PC1426 Daniel Cassar (li tul l-incident kollu kien qed jakkompanja lis-surgent La Grasta) u l-kollegi ta'l-iskwadra tal-mobile. B'l-ghajununa tal-kollegi s-surgent irnexxielu jarresta lill-imputat u jdahhlu fil-vettura tal-pulizija u telqu lejn l-ghassa. L-incident pero ma waqafx hemm ghaliex waqt li kienu fi triqthom lejn l-ghassa l-imputat (li kien riekeb fis-seat ta' wara) beda jaghti bis-sieq fuq il-gear lever b'mod li gab il-karrozza "free".

Illi dawn il-fatti jirrizultaw mid-depozizzjoni tas-Surgent La Grasta u huma korroborati mid-depozizzjoni ta' PC1426 li

kien prezenti tul l-incident kollu u anke miz-zewg pulizija ta’l-iskwadra tal-mobile.

Illi dwar dawn il-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni da parti ta’l-imputat: f’l-istqarrija, li huwa, minn jeddu, ikkonferma b’gurament quddiem din il-Qorti, jammetti li ghandu problema ta’ xorb u li dak in-nhar kien xorob; jammetti li ma ridtx jirriversja, jammetti li irrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu lis-surgent; jammetti wkoll li huwa ta daqqa fuq il-gear lever tal-karozza tal-pulizija meta kienu fi triqthom lejn l-ghassa; jghid li jista’ jkun li dagha u tkellem hazin; ghall-mistoqsija jekk sarx vjolenti u hebbx ghall-pulizija wiegeb li jiftakar li bdew izommuh pero li ma jiftakarx aktar. Huwa jiftakar ukoll li qal dak il-kliem li s-surgent interpretah bhala theddied ghalkemm huwa prova jaghtih interpretazzjoni differenti.

Illi minkejja li fil-kumplament tad-depozizzjoni tieghu l-imputat prova jimminimizza l-incident u l-agir tieghu, u minkejja li huwa f’dan l-istadju qal li ma hebbx ghal u ma rrezistiex lis-surgent ammetta li biex is-surgent seta jimmanettjah kellu jsejjah l-ghajnuna.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma li huwa attakka u rrezista lis-Surgent 321 La Grasta, li hedded lill-istess surgent, li kien fis-sakra f’lok pubbliku u waqt li kellu l-hsieb ta’ ventura, li rrifjuta li jaghti l-konnotati tieghu lill-pulizija, li qal kliem indicenti jew oxxenn, u li kiser il-buon ordni pubbliku.

Illi waqt is-sottomissjonijiet taghha d-difieza allegat li dan l-incident gie provokat mis-surgent li ma kellux dritt jesiegi li jkun l-imputat li jirriversja u li konsegwentement l-imputat kien gustifikat fir-rifjut tieghu li ma jirriversjax u li jirrezisti l-arrest.

Illi f’dan ir-rigward l-Qorti tirrileva li ndipendentement jekk is-surgent kienx gustifikat li jippretendi li l-imputat jirriversja, kien certament giustifikat li jesiegi li jsir l-breathalyser u li l-imputat jaghti l-konnotati tieghu hekk kif

kien gustifikat fid-decizjoni li jarresta lill-imputat in vista ta'l-agir abbuziv tieghu wara li sarlu l-breathalyser. Fil-fatt jirrizulta ampjament li l-incident eskala wara li sar it-test tal-breathalyser u meta bdew jittiehdu l-konnotati ta'l-imputat.

Illi tenut kont ta' dan u in vista tal-fatti kif fuq esposti l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizultaw kollha, b'l-eccezzjoni ta'l-aggravju tal-vjolenza pubblika f'l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali ta'l-imputat li minnha jidher li l-imputat diga nstab hati tar-reati simili ghal dawk odjerni. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ghandu problema ta' xorb u li huwa issa beda jindirizza din l-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(g), 338(bb), 338(dd) u 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigi sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-istess Kap 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar u dan bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz li jsegwi dak il-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tax-xorb li jigi ndikat lilu mill-ufficjal sorveljanti.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tmintax il-xahar u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------